# Is-Sitta u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Kulħadd profeta fil-poplu tal-Mulej.*

Num 11, 25-29

**Qari mill-Ktieb tan-Numri**

F'dak iż-żmien, 25il-Mulej niżel fi sħaba jkellem lil Mosè, u ħa
mill-ispirtu li kellu fih, u tah lis-sebgħin xiħ; u ġara li, hekk kif
l-ispirtu qagħad fuqhom, bdew jipprofetizzaw, imma ma ssuktawx.

26Issa fil-kamp kien baqa' żewġt irġiel, wieħed jismu Eldad u l-ieħor
Medad, u fuqhom ukoll niżel l-ispirtu. Hekk dawn ġew magħduda
mal-magħżulin għax, għalkemm ma marrux fit-tinda, bdew
jipprofetizzaw fil-kamp.

27Dlonk mar wieħed żagħżugħ jgħarraf b'dan lil Mosè, u qallu:
«Eldad u Medad qegħdin jipprofetizzaw fil-kamp.» 28U Gożwè
bin Nun, li minn ċkunitu kien qaddej ta' Mosè, qabad u qal: «Sidi
Mosè, tħallihomx aktar.» 29Iżda Mosè wieġbu: «Jaqaw qiegħed tgħir
minħabba fija? Jalla l-poplu tal-Mulej ikun kollu profeti, u jalla
l-Mulej iqiegħed fuqhom l-ispirtu tiegħu!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 18 (19), 8.10.12-13.14

R/. (9a): Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb

8 Il-liġi tal-Mulej perfetta,
u tagħti l-ħajja;
ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa,
u tgħallem lil min ma jafx. R/.

10 Il-biża' tal-Mulej sinċier,
u jibqa' għal dejjem;
il-ġudizzji tal-Mulej sewwa,
u mseddqa għalkollox. R/.

12 Fehemhom sewwa l-qaddej tiegħek;
ħlas tajjeb għandu min iħarishom.
13 In-nuqqas min jista' jagħrfu?
Minn dak li ma nafx bih saffini. R/.

14 Mill-kburija wkoll ħares il-qaddej tiegħek,
tħalliha qatt taħkimni.
Imbagħad inkun bla ħtija
u ħieles minn dnub kbir. R/.

# Qari II

*Il-ġid tagħkom tħassar.*

Ġak 5, 1-6

**Qari mill-Ittra ta' San Ġakbu Appostlu**

[1]Ejjew issa, intom il-għonja, ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom!
[2]Ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla. [3]Id-deheb u
l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħkom għad jixhed
kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-
aħħar jiem!

[4]Ara, il-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-għelieqi tagħkom - ħlas li intom
żammejtuhulhom bil-qerq - qiegħed jgħajjat kontra tagħkom, u l-biki
ta' dawk li ħasdu wasal f'widnejn il-Mulej tal-eżerċti.

[5]Fuq l-art għextu fix-xalar u l-lussu; qgħadtu tissemmnu għall-jum
tal-qatla.

[6]Intom ikkundannajtu l-ġust, qtiltuh għax ma jistax jiqfilkom!

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Ġw 17, 17b.a

Hallelujah. R/. Hallelujah
Missier, il-kelma tiegħek hi l-verità,
qaddishom permezz tal-verità.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Min mhux kontra tagħna, huwa magħna.*

Mk 9, 38-43.45.47-48

**✠ Qari mill-Evanġelju skont San Mark**

F'dak iż-żmien, Ġwanni qal lil Ġesù: 38«Mgħallem, wieħed raġel,
li s-soltu ma jkunx magħna, rajnieh ikeċċi x-xjaten f'ismek u ridna
nżommuh, għax hu mhuwiex wieħed minn tagħna.» 39Imma Ġesù
qal: «La żżommuhx, le, għax ma hemm ħadd li se jagħmel miraklu
f'ismi u mbagħad malajr se jkollu ħila jgħid kontra tiegħi. 40Għax min
mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna.

41Min jagħtikom tazza ilma x'tixorbu għax intom tal-Messija,
ngħidilkom is-sewwa li ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu.

42Imma min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li
jemmnu fija, ikun jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin
minn dawk li jdawru l-ħmir u jixħtuh fil-baħar. 43U jekk idek hija
għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra; jaħbatlek aħjar li tidħol
b'id waħda fil-ħajja, milli tmur b'idejk it-tnejn fl-infern, fin-nar li
ma jintefiex. 45U jekk riġlek hu għalik okkażjoni ta' dnub, aqtgħu
barra; jaħbatlek aħjar li tidħol b'riġel wieħed fil-ħajja, milli tinxteħet
b'riġlejk it-tnejn fl-infern. 47U jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta'
dnub, aqlagħha barra; jaħbatlek aħjar li tidħol b'għajn waħda
fis-Saltna ta' Alla milli tinxteħet b'għajnejk it-tnejn fl-infern,
48fejn id-dud tagħhom ma jmutx u fejn in-nar ma jintefiex.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu